MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 130/2011

**GO plc – C 22334**

**vs**

**Scifo Vincenzo**
**ID-49002(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha u hamsin Ewro u sebghin centezmu (€1,057.70c) in konnessjoni ma' diversi servizzi (AC40096539).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mis-socjeta' attrici u li gew immarkati minn "Dok. A" sa "Dok. D".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjoni li nghata mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament illi l-ammont kollu ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha u hamsin Ewro u sebghin centezmu (€1,057.70c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------